**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Wisq Nobbli Baruni Lino Testaferrata Bonici

*versus*

Nobbli Josephine Testaferrata Bonici

**"Non bis in Idem" — Ġudikat Impliċitu — Art. 217 tal-Kap. 15.**

*Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva u obbligatorja għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv tas-sentenza.*

*Meta d-dispożittiv hu espress f'termini ġeneriċi, il-portata tiegħu tista' tiġi nterpretata mill-motivazzjoni, bla ma din però tista' qatt tbiddel jew tissostitwixxi l-istess dispożittiv. Il-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni, iżda mid-dispożittiv. Dak li hu anteċedent jew konsegwenza neċessarja tad-dispożittiv, u li hu tabilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u neċessarjament deduċibbli, u mhux b'argumenti pjù o meno stirakkjati.*

*Fid-dubju, il-ġud'kat għandu jkun eskluż.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta hi proprjetarja tal-fondi 66, 67 u 67 duplikat, li n-nofs indiviż tagħhom huwa suġġett għall-piż ta' ċelebrazzjoni ta' quddiesa kantata bil-predika u għall-festività li jsiru kull sena fil-Veneranda Knisja tal-Beata Verġni msejħa tal-Bwon Kunsill taż-Żejtun, appartenenti lilu, liema piż ġie fondat in perpetwu mill-Barunissa Vincenza Galea fit-testment tagħha riċevut minn Nutar Gaetano Sciortino fil-21 ta' Lulju 1887; u illi l-konvenuta qegħedha tirrifjuta li tħallas is-somma ta' £30.18.0, li tirrappreżenta, kwantu għal £29.2.0, l-ispiża

li saret għall-prediki, quddies u festivitajiet tal-fuq imsemmija Knisja fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Bwon Kunsill fis-26 ta' April 1955, u kwantu għal £1.16.0 spiża ta' quddies u festività fl-okkażjoni tal-festa ta' San Giuseppe Lebrè tas-27 ta' April 1955; u dan għar-raġuni illi s-somma teċċedi s-somma ta' £28 li l-konvenuta tippretendi tirrappreżenta l-limiti li hija obligata tħallas skond u in adempjenza tal-fondazzjoni u piż fuq deskritti; u illi huwa rċieva minn għand il-konvenuta biss £28 mill-ispejjeż fuq imsemmija u għad fadallu jiehu għalhekk bilanċ ta' £2.18.0; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuta, għar-raġunijiet fuq imsemmija, tiġi kundannata tħallsu l-imsemmi bilanċ ta' £2.18.0, saldu tal-ispejjeż li huwa nkorra fl-okkażjoni tal-festivitajiet fuq deskritti. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi hija qegħedha tirrifjuta tħallas il-bilanċ ta' £2.18.0 msemmi fiċ-ċitazzjoni għaliex, skond l-interpretazzjoni li l-partijiet interessati taw għall-piż in kwistjoni, l-ispiża tiegħu ma għandhiex teċċedi £28 fis-sena; u anki għaliex hemm xi partiti fil-kont anness maċ-ċitazzjoni li ma għandhomx jiġu sopportati minnha, kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Frar 1958, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tar-"res judicata" sollevata mill-konvenuta, u hekk irrespinġiet it-talba tal-attur, u ordnat li minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru għandu jħallsu l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenuta tallega li l-kawża odjerna tinvolvi l-istess punt kontrovers li ġie kunsidrat fil-kawża fl-ismijiet "Testaferrata Bonici utrinque" deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' April 1953, u għalhekk għad-domanda attriċi josta dak il-ġudikat. Trid għalhekk issir l-indaġini jekk jikkonkorrux l-elementi tal-ġudikat kif pretiż mill-konvenuta, ċjoè l-imsemmija sentenza ġietx maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett, u għall-istess kawżali tal-kawża odjerna;

Illi l-ewwel element jikkonkorri, għaliex fil-kawża l-oħra kienu pparteċipaw bħala partijiet l-istess persuni li qegħedin jiffiguraw bħala partijiet f'din il-kawża;

Illi t-tieni u t-tielet elementi jikkonkorru wkoll. Infatti, fil-kawża l-oħra l-attur, li hu wkoll attur f'din il-kawża, talab il-kundanna tal-konvenuti, fosthom il-konvenuta f'din il-kawża, biex iħallsuh is-somma komplessiva ta' £52,13.6, spejjeż għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies u festivitajiet li saru fis-snin 1950 u 1951, ċjoè £25.5.6 fis-sena 1950 u £27.8.0 fis-sena 1951, fil-Veneranda Knisja tal-Beata Verġni msejħa "tal-Bwon Kunsill" taż-Żejtun, tal-attur, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Bwon Kunsill u dik ta' San Giuseppe Labrè, u dan billi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fondi numri 66, 67 u 67 duplikat, li n-nofs indiviż tagħhom hu suġġett għall-piż perpetwu fondat mill-Barunissa Vincenza Galea fit-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Gaetano Sciortino tal-21 ta' Lulju 1887, għal dawk iċ-ċelebrazzjonijiet, u l-istess konvenuti rrifjutaw li jħallsu dik is-somma. Bil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenuta biex tħallsu s-somma ta' £2.18.0, bilanċ ta' £30. 18. 0, kwantu għal £29. 2.0 spiża li saret għall-quddies u festivitajiet oħra fl-imsemmija Knisja fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Bwon Kunsill, u kwantu għal £1.16.0 spiża ta' quddies u festività fl-okkażjoni tal-festa ta' San Giuseppe Labrè, fis-sena 1955, u dan għar-raġuni li l-konvenuta, li l-lum hi l-unika proprjetarja *tal-fondi 66, 67 u 67 duplikat, ġa msemmijin, li n-nofs indiviż* tagħhom hu suġġett għall-piż kif fuq intqal, qegħdha tirrifiuta li tħallas din is-somma għaliex teċċedi s-somma ta' £28 li hija tippretendi tirrappreżenta l-limiti li hija obligata tħallas skond u in adempjenza tal-fondazzjoni u piż ġa deskritti. Għalhekk, il-"causa petendi" hi żgur l-istess, u hu wkoll l-istess l-oġġett tad-domanda; għaliex, għalkemm fil-kawża l-oħra kienet qegħedha tintalab is-somma ta' £25,5.6 u ta' £27.8.0 għas-sena 1950 u 1951, u f'din il-kawża qegħedha tintalab dik ta' £30.18.0, jew bilanċ tagħha, għas-sena 1955, jibqa' dejjem li l-oġġett fiż-żewġ kawżi kien u hu l-ħlas tal-fondazzjoni jew piż ġa msemmija; liema piż fil-ħlas tiegħu jvarja minn sena għall-oħra.

U appuntu l-punt kontrovers f'dik il-kawża, kien, kif inhu fil-kawża odjerna, li jiġi determinat kemm għandu jitħallas kull sena mill-proprjetarji tal-fondi ġa msemmijin għall-adempiment ta' dak il-piż; u f'dik il-kawża ġie kunsidrat li dak il-"quantum" jammonta għal £26 jew £28 fis-sena. Kien għalhekk li l-attur ġie l-quddiem b'din il-kawża, għaliex il-konvenuta, in segwitu għal dik is-sentenza, irrifjutat li tħallas lill-attur, b'adempiment u ħlas tal-imsemmi piż, somma akbar minn £28;

Illi l-attur ma jikkontestax dawn il-fatti; però huwa jissottometti li l-imsemmi punt kontrovers ma ġiex riżolut fid-dispożittiv tas-sentenza fil-kawża l-oħra, u għalhekk ma jistgħax jingħad li hemm ġudikat fuqu. F'dan ir-rigward jiġi osservat li verament fid-dispożittiv tal-imsemmija sentenza ma ssemma xejn fuq il-punt sollevat mill-konvenuti f'dik il-kawża, u l-liġi tiddistingwi biċ-ċar bejn il-motivi u d-dispożittiv, b'mod li, biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tiġġustifikax l-eċċezzjoni tal-ġudikat, għandu jiġi eżaminat id-dispożittiv ta' dik is-sentenza, u mhux il-motivazzjoni tagħha (Vol. XXIX-I-1155); però hu magħruf li r-raġunament fil-motivazzjoni tas-sentenza u l-konklużjoni meħuda minnu fil-kors tal-istess motivazzjoni, għalkemm din il-konklużjoni ma tiffurmax parti mid-dispożittiv tal-istess sentenza, jikkostitwixxi deċiżjoni impliċita, kemm il-darba dik il-konklużjoni tkun iffurmat il-bażi u kienet neċessarja biex twassal razzjonalment għad-dispożittiv espress; deċiżjoni impliċita bħal din għandha l-awtorità kollha tal-ġudikat (Vol. XXVIII-I-740), billi hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tad-dispożizzjoni espressa. Għalkemm il-punt kontrovers mhux inkluż fid-dispożittiv tal-imsemmija sentenza, l-istess kien inxindibbilment marbut mal-punt riżolut fil-konsiderandi, b'mod li għandu jiġi nterpretat a tenur ta' dak il-punt (Vol. XXVIII-II-614). Għalhekk hu evidenti, kif tajjeb tosserva l-konvenuta, li l-attur bid-domanda magħmula minnu f'din il-kawża jrid jiddistruġġi l-ġudikat fuq imsemmi — ħaġa li huwa ma jistgħax jagħmilha (Coen, voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para. 146);

Illi b'dan il-mod jikkonkorru t-tliet rekwiżiti li huma

meħtieġa biex tista' tingħata b'suċċess l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u l-istess eċċezzjoni, opposta mill-konvenuta, għandha tiġi milqugħa;

Rat-in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Id-dispożizzjoni rilevanti għall-każ hi dik tal-art. 217 Kap. 15 Ediz. Riv., li jgħid hekk:— "Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv". Hu ċert li d-dikjarazzjoni li l-ispiża "de qua" ma għandhiex teċċedi s-somma ta' £28 fis-sena ma hijiex fid-dispożittiv tas-sentenza nvokata għall-finijiet tal-eċċezzjoni tan-"non bis in idem';

Il-konvenuta, però, sostniet li hemm il-ġudikat impliċitu;

"*In diritto*", għandu jiġi osservat dan. Fis-sentenza ta' din il-Qorti Kollez. Vol. XXIV-I-157 ġie sanċit il-prinċipju li l-portata ta' sentenza, meta d-dispożittiv ikun konċepit f'termini ġeneriċi, tista' tiġi nterpretata mill-motivazzjoni, "sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato". L-istess prinċipju ġie affermat, bi kliem identiċi, fis-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXVIII-II-614. Fis-sentenza ta' din il-Qorti Vol. XXVIII-I-740 il-prinċipju ġie estiż fis-sens li, fuq l-awtorità tal-Laurent, Aubry et Rau, u Larombiere, ġie ammess il-ġudikat impliċitu, ċjoè dak li jiġi neċessarjament dedott mit-termini espressi tad-dispożittiv, avut rigward ukoll għall-konsiderandi tas-sentenza. Iż-żewġ sentenzi tal-Qorti ta' Għawdex riportati fir-Repertorju tal-Imħallef Dr. Giuseppe Cremona, comm. art. 245 Proc. Civ., paġ. 412, waħda tal-1887, li tirrikjama deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-1871, u l-oħra tal-1889, ukoll isem-

mgħu bħala "decisive e obbligatorie" dawk id-dikjarazzjonijiet li huma "un antecedente od un conseguente necessario della sentenza", li bħala nvoluti fid-dispożittiv għandhom jitqiesu parti minnu daqs kieku espressi. Is-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti Kollez. XIX-I-1155 affermat il-prinċipju fuq imsemmi, li l-portata tad-dispożittiv tista' tiġi spjegata mill-motivazzjoni, għalkemm marret ukoll aktar l-hemm billi ċċitat b'approvazzjoni sentenza estera li qalet "allora soltanto i motivi della sentenza possono formare giudicato quando sono i processuali logici e necessari del dispositivo", iżda ċċitat ukoll sentenza oħra estera fis-sens li "non costituiscono cosa giudicata le sentenze che risolvono una quistione di diritto nelle considerazioni senza che nel dispositivo vi accennino". Żiedet tgħid ukoll li l-"exceptio judicati" hi ta' interpretazzjoni strettissima, u ċċitat sentenza estera oħra li qalet:— "La cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata";

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, kif kostitwita, tħoss għalhekk, u fil-fatt tirritjeni, li meta d-dispożittiv hu espress f'termini ġeneriċi, il-portata tiegħu tista' tiġi nterpretata mill-motivazzjoni, bla ma din però tista' qatt tbiddel jew tissostitwixxi l-istess dispożittiv. Il-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni, iżda mid-dispożittiv, skond it-test espress tal-art. 217 fuq ċitat. Dak li hu anteċedent jew konsegwenza neċessarja tad-dispożittiv, u li hu tabilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu. Imma jeħtieġ li jkun ovvjament u neċessarjament deduċibbli, u mhux b'argumenti pjù o meno stirakkjati. Fid-dubju, il-ġudikat għandu jiġi eskluż;

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza nvokata bħala ġudikat ostattiv għall-istanza odjerna, il-Qorti, għall-finijiet tal-eċċezzjoni li

l-ispiża "de qua" kienet eċċessiva, daħlet biex tinterpreta l-volontà tal-fondatriċi tal-legat piju, u adottat bħala interpretazzjoni d-dikjarazzjoni tal-interessati fil-kuntratt tad-diviżjoni tal-1914, fis-sens li "in tutto la spesa ammonta a lire sterline ventisei ossia lire sterline ventotto all'anno all'anno circa"; u rriteniet li dik id-dikjarazzjoni kienet torbot lill-konvenuti. Irrilevat, mbgħad, li l-konvenuti kienu qegħedin jinvokaw favur tagħhom deċiżjoni oħra tal-1912, fejn il-piż kien ġie kunsidrat bħala ammontanti għal £10.3.0, u osservat li dik id-deċiżjoni ma setgħetx ikollha valur, għax mhux biss kienet qabel il-kuntratt diviżjonali tal-1914 fuq imsemmi, imma anki għaliex il-prezzijiet kienu biż-żmien tbiddlu u żdiedu. Fil-paragrafu immedjatament sussegwenti qalet hekk:— "Illi, fil-fehma tal-Qorti, is-somma minfuqa mill-attur mhix...... eċċessiva, molto pjù li għas-sena 1950 hija anqas mill-limiti stipulat fl-imsemmija diviżjoni, u għas-sena 1951 hija ma toħroġx minn dawk il-limiti......" Il-konsiderandi l-oħra ma humiex rilevanti għall-pont issa in kwistjoni;

Minn dawn il-kliem jidher li dik il-Qorti rriteniet li (a) l-ispiża ma kienetx eċċessiva per sè, u (b) żiedet bħala motiv anki dak li ma kienetx teċċedi l-limiti li l-Qorti kienet irriteniet li bih kienu vinkolati l-konvenuti. Dik il-Qorti ma ddeċidietx, u ma setgħetx tiddeċidi, jekk spiża li taqbeż l-ammont indikat fid-diviżjoni tal-1914 kellhiex tiġi jew le ritenuta eċċessiva, appuntu għax l-ammonti mitluba fil-każ minnha kunsidrat kienu anqas minn dik is-somma, a differenza tal-każ preżenti. Talvolta, dik il-Qorti, kieku kellha quddiemha reklam ta' ammont akbar, kienet tagħmel riferenza għaż-żmien li għadda bejn l-1914 u l-1955, kif għamlet għaż-żmien li kien għadda bejn is-sentenza tal-1912 u ż-żmien tas-sentenza issa nvokata bħala bażi tal-ġudikat. Għalhekk dik il-Qorti adoperat bħala kriterju l-limiti tal-att diviżjonali tal-1914, imma mhux bħala kriterju uniku, għaliex, qabel xejn, qalet li l-ispiża ma hijiex eċċessiva, mbgħad bil-kliem "molto pjù" żiedet kriterju li kien applikabbli għal dak il-każ, fejn l-ammont mitlub hu aktar mill-limiti tal-1914. Fid-dispożittiv ta' dik is-sentenza ma hemm xejn ħlief il-kliem "Tilqa' t-talba limi-

tatament għas-somma ta' . . . . ."; ma hemm ebda menzjoni ta' xi limiti massimu li ma jistgħax jiġi superat;

Imma anki kieku wieħed kellu jistirakkja t-teorija tal-ġudikat impliċitu, ma kienx jasal għall-fondatezza tal-eċċezzjoni tal-ġudikat; għax id-dispożittiv ma hux bażat biss fuq il-kliem "molto pjù li għas-sena eċċ. eċċ.", imma anki fuq il-kliem "fil-fehma tal-Qorti mhix eċċessiva", li huma indipendenti mill-kriterju msemmi bil-kliem "molto pjù eċċ eċċ.", għalkemm b'dan l-aħħar kriterju rafforzati; u anki għax ir-"ratio decidendi" ma setgħetx kienet l-istess, una volta li f'każ wieħed l-ammont mitlub ma kienx jiskorri, u f'dan il-każ jiskorri, il-limiti tal-1914;

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni li fid-dispożittiv tas-sentenza nvokata ma hemm xejn, lanqas "per impliciter", li jista' jappoġġja l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem";

Jibqa' dikjarat li, għalkemm la f'din u lanqas fiċ-ċitazzjoni ta' qabel ma ssemmiet il-lokalità tal-fondi "de quibus", il-partijiet irrimedjaw bil-verbal kalendat fis-seduta tal-25 ta' April 1958;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat u konsegwentement irrespinġiet it-talba, billi minflok tiċħad dik l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, relattivi għaliha, a kariku tal-konvenuta. Tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tad-19 ta' Mejju għall-kontinwazzjoni fil-meritu.